**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 30/2019 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: 23 t'Awwissu 2019

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |
| **Sra. Darlene Vella Zammit** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Christopher Cassar** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Vince Borg** | Kunsillier | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Sindku | Kunsill Lokali Isla | SKUŻAT |
| **Sur Wayne Aquilina** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Josef Azzopardi** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | PREŻENTI |
| **Sur Steven Grech** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Dominic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | SKUŻAT |
| **Sur Ray Azzopardi** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Valletta | PREŻENTI |
| **Sur Neil Attard** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | ASSENTI |
| **Sra. Bernice Farrugia** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | PREŻENTI |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | PREŻENTI |
| **Sna Antonella Galea** | Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Xlokk | PREŻENTI |

## AĠENDA

30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

30.3 Komunikazzjoni mill-President;

30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

30.5 Rapporti;

30.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 96/2019;

30.7 Mozzjonijiet;

30.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**<u>TALBA</u>**

**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 30.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li kienu l-Kunsilli Lokali ta' ISLA u PAOLA li talbu sabiex ikunu skużati għal din il-laqgħa.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Peress li l-Minuti numru 29/2019 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill Reġjonali Xlokk.

   Is-Sra Sindku Kunsill Lokali Zejtun talbet sabiex issir korrezzjoni f'paragrafu ***(v.i)*** fejn hemm miktub *"Hawnhekk is-Sra Sindku Kunsill Lokali ż-Żejtun qalet li kważi kważi l-Perit kien qalilhom li kien ikun aħjar li kieku l-post kellu jitwaqqa' u jinbena mill-ġdid."*

   Is-Sra Sindku spjegat li hi qatt ma setgħat qalet hekk għaliex il-Perit qatt ma kien għadu mar jispezzjona l-post u għaldaqstant minflokk kif dedotta talbet sabiex jitniżżlu l-kliem *"li hi taħseb li, li kieku kellu jitqabbad Perit u jispezzjona l-post u jgħidilhom li l-bini kellu jaqa f'dak il-każ x'kien ser isir mit-Tribunal Lokali Zejtun"*.

   Saret diskussjoni dwar dan mill-membri Kunsill Reġjonali Xlokk u unanimament kien hemm qbil li ssir tali korrezzjoni kif proposta.

   Sadanittant il-Minuti 29/2019 ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 30.3 Komunikazzjoni mill-President

**i.** Il-President nforma lill-Kunsill Reġjonali Xlokk li l-LESA kienet għada mhix qed tħallas ir-*running costs* imma bħalissa kienet għadha qed tirrifondi biss is-salarji. LESA

**i.i.** Żied jgħid li bħalissa kienu għadhom qed isiru xi verifiki min-naħa tal-LESA u aktarx li kien ser jiġi kkummissjonat Audit ieħor.

**i.ii.** Hawnhekk il-President qal li fil-vesti tiegħu ta' Viċi President tal-AKL waqt laqgħa li kellhom kien ġie diskuss li l-LESA kienet qed tipproponi li tħallas 85% tar-running costs flimkien mas-salarji tal-impjegati tat-tribunal. Żied jispjega li iżda fil-każ tar-Reġjun Xlokk peress li t-Tribunal Lokali qiegħed f'uffiċċju separat minn dak tar-Reġjun Xlokk il-probabilta' kienet li f'dan il-każ jitħallas il-100 fil-100 tar-running costs. Filwaqt li imbagħad is=salarji tal-impjegati u renumerazzjoni tal-President jitħallas mill-fondi tar-Reġjun Xlokk.

**ii.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li l-ħaddiema tal-RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk kienu bħalissa qegħdin Isla u Zabbar. Żied jispjega lis-Sinjuri membri sabiex min jagħmel użu mis-servizz ta' dawn il-ħaddiema jaraw li jaqbduhom xogħol ta' ċertu livell għaliex dawn il-ħaddiema huma kollha ħaddiema tas-sengħa. Talabhom ukoll il-President li jibgħatu lil dan l-uffiċċju kemm ir-rassenja kif ukoll xi ritratti tax-xogħol magħmul għaliex l-Aġenzija kienet qed titlobhom. Avża lill-Membri li kull min ried jagħmel użu mis-servizz ta' dawn il-ħaddiema kellu jibgħat email lir-Reġjun sabiex dan l-uffiċċju jkun f'pożizzjoni li jqassam l-iskeda għal dawn il-ħaddiema. Ħaddiema RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk

**ii.i.** Is-Sra Sindku Kunsill Lokali Żejtun talbet setgħux dawn il-ħaddiema jintbgħatu wkoll iz-Zejtun. Il-President talabha sabiex tgħid lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat email lil dan l-uffiċċju ħalli jkun f'pożizzjoni jqassam kif meħtieġ.

**iii.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li dwar l-art fejn kien qed ikun propost li kellha tinbena r-Reachout Centre konna rcevejna mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar fejn tatna appuntament għal 11 ta' Settembru sabiex naraw il-footprint tal-binja proposta. ART - Reachout Centre

**iv.** Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar l-għoti mill-ġdid ta' tarmak, kien għadhom pendenti biss il-Kunsill Lokali BORMLA. Reġa għal darb'oħra ħeġġeġ sabiex jlestu x-xogħol previst u jaraw li dan ikun konkluż malajr kemm jista jkun għaliex id-DLG kienu qed jiġru warajna sabiex din l-iskema tkun iffinalizzata minnufih. Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak

**v.** Il-President nforma lis-Sinjuri membri li fil-mument kellna problema bl-inkartament tat-Tribunal Lokali. L-istess problema ta' spazzju kienet teżisti wkoll fl-istess bini tat-Tribunal Żejtun anzi żied jekk ma kenitx agħar. Storage garaxx B'bugia u trbunal Żejtun

**v.i.** Żied jgħid li wara li kienet intbgħatet email dwar din il-problema lill-Onor. Ministru Dr Owen Bonnici, kienet għamel kuntatt magħna persuna responsabbli mis-sezzjoni tar-records fi ħdan l-istess Ministeru. Kompla jispjega li din il-persuna kienet ser tagħmel spezzjoni kemm fil-garaxx ta' B'bugia kif ukoll fl-istess Tribunal Lokali ġewwa ż-Żejtun. Qal ukoll li sadanittant aħna konna tlabna kwotazzjoni lill-Maltapost pero l-ispiża kienet ser tkun waħda konsiderevoli.

**v.ii.** Fir-rigward tal-binja tat-Tribunal Lokali l-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri membri li l-Perit imqabbad minn sid il-kera tal-post jiġifieri l-Kunsill Lokali Zejtun kellu suppost joħroġ rapport tal-ħsara izda sal-ħin u data tal-laqgħa dan kien għadu ma wasalx. Hawnhekk huwa ndirizza lis-Sra Sindku Kunsill Lokali Zejtun fejn magħha nsista li r-Reġjun kellu bżonn kopja ta' dak ir-rapport u ma kienx biżżejjed li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill bgħat email lir-Reġjun fejn infurmah x'miżuri kellhom jittieħdu. Żied jgħid is-Sur Paul Farrugia li bħala Reġjun Xlokk huwa ma kienx ser jerfa r-responsabbilta' ta' xi konsegwenzi li setgħu jinqalgħu minħabba l-ħsarat estensivi li jidher li hemm fl-istruttura. Kundizzjoni tal-bini tat-Tribunal Lokali Xlokk ġewwa ż-Żejtun

**v.ii.i.** Hawnhekk qamet diskussjoni bejn il-President is-Sur Paul Farrugia u s-Sra M. Doris Abela Sindku Kunsill Lokali Zejtun fuq min kienet qegħda

r-responsabbilta' għall-istat ħażin li kienet tinsab il-binja minn fejn kien qed jopera t-Tribunal Lokali.

**v.ii.ii.** Unanimament sar qbil li s-Sra Sindku Kunsill Lokali Zejtun tirraporta lura l-Kunsill Lokali sabiex filwaqt li jibqgħu jinsistu mal-Perit għar-rapport, jaraw bħala Kunsill Lokali x'deċiżjonijiet ser jieħdu.

**vi.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li hekk kif maqbul fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun Xlokk, kienu ser jiġu rifużi l-ispejjeż għal 3 bins għal-loqom tas-sigaretti u/jew chewing gum lill-kull Kunsill Lokali Membru fi ħdanu. Spjega li kull bin ser ikollu l-logo tar-Reġjun Xlokk u kollha kienu ser ikunu ta' kulur iswed. 'Il- quddiem is-segretarju Eżekuttiv kienet ser taħgmel kuntatt ma kull Segretarju eżekuttiv ta' kull lokalita' fi ħdan ir-Reġjun Xlokk sabiex jinħarġu l-Purchase Orders. Bins – loqom tas-sigaretti

**vii.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-membri li b'support mal-ARC - ALLIED RAINBOW COMMUNITIES kif ukoll b'sostenn għall-inizjattiva LGBTQ+ waqt il-Malta Pride Month , ir -Reġjun Xlokk kien ser jagħti 7 laned żebgħa kkulurita lil kull wieħed mil 15 -il Kunsill Lokali fi ħdanu sabiex jinżebgħu xi Zebra Crossings bil-kuluri tal-qawsalla. Malta Pride Month

**viii.** Il-President nforma lis-Sinjuri Membri li konna nfurmajna lid-DLG dwar il-ħatra tal-Viċi President għar-Reġjun Xlokk kif ukoll dwar ir-rappreżentant tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien. Viċi President

**viv.** Il-President Paul Farrugia talab lis-Sinjuri Membri sabiex jgħaddulna aktar dettalji bħal kundzzjonijiet bħal per eżempju tip u qies ta' vetturi għal ġbir ta' skart u dan sabiex inkunu nsitgħu ninkludhom għad-diskussjoni bħala preparament tad-dokument tat-tender li jrid joħroġ sal 2022. Tender Reġjonali - skart

**vv.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li l-Bord kien aċċetta l-applikazzjoni ta' dan l-uffiċċju għall-iskema ta' FONDI KULTURALI bħala tqassim tas-surplus mill-LESA. Żied jispjega li għaldaqstant kien ser jibda jaħdem sabiex tiġi ppreparata t-tender relatata. Fondi kulturali LESA

**vv.i.** Hawnhekk talab lill-Kunsilli sabiex jibdew jaħsbu u x'jfittxu xi materjal dwar il-lokalita' tagħhom bħal xi ritratti u informazzjoni dwar postijiet ta' nteress li 'l-quddiem setgħu jiġu nklużi f'din il-paġna web. Proġett - website bil-postijiet ta' nteress

**vvi.** Il-President informa lill-membri li l-Arts Council Malta kienet nehdiet proġett bl-isem ta' CREATE 2020 – INVESTING IN CULTURAL AND CREATIVE CAPACITY SKILLS IN MALTA'S PUBLIC SECTOR, fejn kienet qed titlob kollaborazzjoni sabiex dan il-proġett jiġi mplimentat fost il-Kunsilli Reġjonali kif ukoll il-Kunsilli Lokali. Il-President talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'dan ir-rigward sabiex jikkonsultaw mal-Arts Council Malta dwar attivitajiet kulturali fil-lokalitajiet rispettivi. Arts Council malta

**vvii.** Il-President talab lis-Sinjuri Membri sabiex kull Kunsill Lokali rispettiv jkollu ammont ta' kotba sabiex min ikun interessat li jakkwista kopja jkun jsita jagħmel dan mil-lokalita tiegħu stess u mhux joqgħod jiġi l-uffiċċju tar-Reġjun Xlokk ġewwa Ħal Tarxien. Kotba – Reġjun Xlokk

**vviii.** Il-President informa lis-Sinjuri Membri li kien ġie avviċinat minn kumpanija privata fejn din kienet qed toffri servizz ta' manutenzjoni Servizz tindif pc offrut lir-residenti

ġenerali u tindif tal-kompjuters ta' kull resident fil-lokalita' rispettiva lil dawk il-Kunsilli Lokali li iriedu jissieħbu f'din offerta. Din l-offerta kienet valida għal sena u l-prezz li Kunsill Lokali ried iħallas li kieku kellu jissieħeb kien ta' €4995 Vat eskluż. Il-President seħaq li din kienet fuq bażi volontarja ta' kull Kunsill Lokali u min kien interessat kellu javviċina personalment lil din il-kumpanija

**30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;**

Viċi President is-Sra Alison Zerafa Civelli qalet li kien sar meeting mal-Onor. Glen Beddingfield – Chairman tal-Kottonera Rehavilitation Committee fejn dan kien infurmahom li kien ser isir xi film fuq iz-zona u min xtaq setgħa japplika bħala extra.

**30.5 Rapporti**

Ma kienx hemm rapporti x'jiġu mgħoddija.

**30.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru.96/2019**

**i.** L-Iskeda tal-Pagamenti 96/2019 ġiet approvata u ġiet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kunsill Reġjonali Xlokk, mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**ii.** Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**30.7 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**30.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fi 19:00hrs.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019 fil-5:30pm.

*(Iffirmata)* *(Iffirmata)*

***Kav. Paul Farrugia***
***President***

***Antonella Galea***
***Segretarju Eżekuttiv***